**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 03

Data tal-laqgħa: 2 ta' Awwissu, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu 2019 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.25p.m. billi ntqalet it-talba.

**03/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**03/01/01** Ma kienx hemm.

**03/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 02**

**03/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**03/02/02** **Para 02/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kennies beda jagħmel progress, imma jrid jibqa' jagħmel xogħolhu sew.

**03/02/03** **Para 02/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-ġimgħat li ġejjin ser tinħareġ sejħa għal *Project Manager*.

**03/02/04** **Para 02/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor kwotazzjonijiet għal kiri ta' van għal Kunsill.

**03/02/05** **Para 02/03/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankijiet tal-pjazza ġew xkatlati u miżbugħa.

**03/02/06** **Para 02/03/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex il-MaltaPost plc tqassam *flyers* jew *magazines* tal-Kunsill l-ispiża hi €99. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/02/07** **Para 02/03/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kennies mhux dejjem qed jiġbor il-ħaxix fil-ġurnata li jinqata'.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**03/02/08** **Para 02/03/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta mill-MTA rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom.

**03/02/09** **Para 02/03/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed niġbru stimi sabiex nixtru 4 *cigarette bins* għal ħdejn il-każini.

**03/02/10** **Para 02/03/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li peress li l-kuntrattur tal-fanali għandu ħafna xogħol pendenti, għaldaqstant, ċertu xogħol ser isir mis-Sur Mario Abela.

**03/02/11** **Para 02/03/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sar kuntatt mal-Kappillan Fr Christopher Galea peress li waħda mill-ġebel tal-kappella ta' Bernarda kienet perikoluża u hu ħa azzjoni immedjata.

**03/02/12** **Para 02/03/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex Triq l-Oratorju tiġi bil-parkeġġ fuq iż-żewġ naħat.

**03/02/13** **Para 02/03/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kaxxa safra ta' quddiem il-garaxx fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu saret mill-Kunsill u mhux mir-resident kif ġie rrappurtat.

**03/02/14** **Para 02/03/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma daħlux iktar ilmenti fuq ilma ħiereġ fi Triq Caravaggio.

**03/02/15** **Para 02/03/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex Triq Ferdinandu tiġi *one-way*.

**03/02/16** **Para 02/03/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħa mal-Kumitat tal-Għargħur FC għadha ma saretx u li ħa tagħmel kuntatt ma' Sur Mark Pullicino.

**03/02/17** **Para 02/05/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabelli li jridu jitwaħħlu fi Triq il-Ġnien int u ġej mill-Madliena Village sabiex is-sewwieqa jnaqqsu l-veloċità ġew ordnati.

**03/02/18** **Para 02/05/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa ssir laqgħa' ma' uffiċjali ta' Transport Malta fuq it-talba biex Triq San Nikola tiġi *one-way* peress li hemm resident li qed joġġezzjona.

**03/02/19** **Para 02/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol fuq il-ħajt tas-sejjieħ fi Sqaq ix-Xgħajrat ħa jibda wara l-Festa minħabba raġunijiet ta' saħħa u siġurtà.

**03/02/20** **Para 02/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* fi Triq Żagħruna k/m Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu ħa jsir il-ġimgħa d-dieħla.

**03/02/21** **Para 02/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *flexible bollards* għal ħdejn 110 Triq San Ġwann ġew ordnati.

**03/02/22** **Para 02/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*junction box* ta' mal-ġenb tal-knisja ħa ssir wara l-Festa.

**03/02/23** **Para 02/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex isiru żewġ *motorcycle bays* quddiem bieb fi Triq il-Kbira li minnu jgħaddu 50 familja.

**03/02/24** **Para 02/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li STOP *signs* għat-Triq Vendome ġew ordnati.

**03/02/25** **Para 02/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*junction box* ta' quddiem *gate* ta' għalqa fi Triq Mons. Luigi Catania ħa ssir wara l-Festa.

**03/02/26** **Para 02/05/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħaddiem mir-Reġjun Tramuntana qed jagħmel *refreshing* ta' Triq Caravaggio kollha.

**03/02/27** **Para 02/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Triq San Bartilmew (in-naħa t'isfel) ħa ssir wara l-Festa.

**03/02/28** **Para 02/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed inġibu *bowser* kull ġimgħa biex isaqqi s-siġar ta' Triq Għaxqet l-Għajn.

**03/02/29** **Para 02/05/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa nieħdu parir minn Transport Malta qabel ma jsiru l-*parking bays* fil-pjazzetta tal-*housing estate* ta' Xwieki.

**03/02/30** **Para 02/05/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħaddiema tagħna ħa jpoġġu l-*information panel* tal-Pjazza qrib il-monument.

**03/02/31** **Para 02/05/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġew ordnati żewġ *information panels* waħda għal ħdejn il-kappella ta' San Ġwann u l-oħra għal ħdejn il-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**03/02/32** **Para 02/05/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex jeħlu *flexible bollards* fejn għalqa fi Triq l-Indipendenza.

**03/02/33** **Para 02/05/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Abraham Aquilina qed jaħdem fuq il-*heritage trail.*

**03/02/34** **Para 02/05/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-magna tal-kafè nxtrat.

**03/02/35** **Para 02/05/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet l-*litter bin* għal Triq Mons L. Catania k/m Triq Għaxqet l-Għajn ġie ordnat.

**03/02/36** **Para 02/05/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm residenta li waqgħet fil-gandott ta' Triq il-Ġnien, għaldaqstant, ħa naraw jistax jiġi kopert.

**03/02/37** **Para 02/05/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex isiru żewġ *rubber humps* fi Triq l-Isqof Gargallo.

**03/02/38** **Para 02/05/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fix-xahar ta' Ottubru ħa nixgħelu t-Torri tas-Semaforu roża biex infakkru *Pink October*.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**03/02/39** **Para 02/05/39:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-ġimgħat li ġejjin ħa naħdmu fuq l-*October Fest*.

**03/02/40** **Para 02/07/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sal-lum ħadd ma applika għal ħatra ta' Ambaxxatur / Ambaxxatriċi u li din is-sejħa tagħlaq nhar it-Tnejn, 19 ta' Awwissu 2019.

**03/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**03/03/01** Is-Sindku resqet li jsir *double yellow line* faċċata ta' garaxx fi Triq San Ġwann biex ir-resident ikun jista' joħroġ bil-van mill-garaxx. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/03/02** Is-Sindku resqet li jsiru żewġ *parking bays* ħdejn il-ħanut Happy Tree fi Triq Mons Luigi Catania. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/03/03** Is-Sindku qalet li fi Triq Santa Katerina ħdejn tal-VRT qed ikun hemm konfużjoni sħiħa. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jerġgħu jsiru s-sinjali kif kienu qabel u sabiex niktbu l-Għassa tan-Naxxar ħalli speċjalment filgħodu jsiru r-rondi. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li triq dejqa u perikoluża.

**03/03/04** Is-Sindku qalet li wasal iż-żmien li ninvestu f'van għar-residenti tal-Għargħur. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsir proġett pilota bi prova għal xahar u dan l-van *eight seater* jibda per eżempju fi 7:30am. Is-Sur Fenech qal li nies ma tantx għandhom jilmentaw fuq it-Trasport Pubbliku. Is-Sur Carl Grech qal li s-servizz għandu jkun bejn is-7:00am u 9:00am. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li importanti li nkunu nafu fi xhin l-aktar li jkun hemm nies. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tagħmel kuntatt ma' Kunsilli Lokali oħra li diġà qegħdin joffru dan is-servizz u ħa tistaqsi lil CWSEF u RSSL jekk il-ħaddiema tagħhom jistawx isuqu dawn il-vannijiet.

**03/03/05** Is-Sindku qalet li saret laqgħa mal-Pulizija u li dawn issuġġerew li jsiru 3 *sleeping police* fi Triq il-Ġnien. Kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta.

**03/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**03/04/01** Ma kienx hemm.

**03/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**03/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 10 ta' Lulju 2019).

**03/05/02** Il-Kunsill irċieva talba għal *un/loading bay* ħdejn il-Każin tal-Banda f'Misraħ il-Knisja. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**03/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 17 ta' Lulju 2019).

**03/05/04** Il-Kunsill irċieva talba għal *un/loading bay* ħdejn The Village Store fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**03/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Rachel Abela – Premju Anzjanità Attiva 2019.

**03/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 24 ta' Lulju 2019).

**03/05/07** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Anthony Agius Decelis – Premju Anzjanità Attiva 2019.

**03/05/08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-AKL – RE: Ċir AKL 2019/071 – Materjal – Seminar – Fondi għall-inizjattivi Kulturali / Soċjali mill-Fondi tal-LESA. Il-proposti għandhom ikunu sottomessi lill-AKL sa nofsinhar tal-Ħamis, 31 t' Ottubru 2019.

**03/05/09** Il-Kunsill irċieva lment minn residenta fi Triq Katerina Sammut rigward il-problema tal-ipparkjar.

**03/05/10** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-AKL – Cir AKL 2019/080 – Reġistrazzjoni għas-Sessjoni ta' Taħriġ għall-Membri Eletti 14/09/2019.

**03/05/11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Mario Fava (President AKL) kull Kunsill ingħata finanzi mill-Aġenzija LESA biex ikun jista' ifassal u jimplimenta inizjattivi kulturali u soċjali. Għaldaqstant, din is-sena ser ikunu qed jitqassmu dawn il-fondi lill-Kunsilli għal sena bażi 2017. Il-bilanċ għall-Kunsill tagħna hu €3162.68.

**03/05/12** Il-Kunsill irċieva notifika mill-AKL kopja tal-ittra li l-AKL rċeviet mid-DLG dwar permess biex jitpoġġew Imwejjed u Siġġijiet fi Triq Karmnu Zarb/Triq il-Wiesgħa. Dokumenti hekk kif mibutgħha mill-Awtorita' tal-Artijiet. Kien hemm qbil li niktbu lil Awtorita' tal-Artijiet peress li l-imwejjed u siġġijiet jistgħu jintlaqtu minn xi vettura u li tinda ma tmurx mal-estetika tal-pjazza.

**03/05/13** Residenta talbet permess biex tpoġġi *foldable bollards* in Triq Katerina Sammut. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni diment li l-*foldable bollards* jitpoġġew fuq art privata.

**03/05/14** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Local Government Division – Ċirkulari numru SPI/SCI/14/2019 – Skema Finanzjarja favur il-komunita' – Community Inclusive Employment Scheme.

**03/05/15** Il-Kunsill irċieva Works Order Quotation (Job No.: 4,703) – Water culvert in Sqaq il-Warda (Total: €232.94). Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/05/16** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mit-TM rigward talba għal *Reserved Parking Bay* ħdejn 17, Triq San Bartilmew. Kien hemm qbil li niktbu lil TM peress li diġà hemm żewġ *Reserved Parking Bay* fl-istess triq u ieħor fil-Pjazza, il-Kunsill ħa jissuġġerixxi li dan ir-resident juża r- *Reserved Parking Bay* tal-iskola.

**03/05/17** Il-Kunsill talab laqgħa mal-Enemalta sabiex jeħlu żewġ lampi ġodda fi Sqaq il-Qiegħed.

**03/05/18** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-AKL – Cir AKL 2019/084 – Laqgħa mas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi 28/08/2019.

**03/05/19** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 31 ta' Lulju 2019).

**03/05/20** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority – *Notification of receipt of fresh plans* – PA/11094/18.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**03/05/21** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority – PA/02285/19 – *Notification of decision notice.*

**03/05/22** Fuq it-talba għal *dog bin* fi Triq l-Oratorju. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/05/23** Fuq il-*blind angle* fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsill qabel li terġa' titpoġġa l-*sleeping police.*

**03/05/24** Fuq it-talba għal *double yellow line* fejn il-garaxx ta' dar 'Our Nest', Triq Karmnu Zarb. Kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta.

**03/05/25** Fuq it-talba għal *bin* ikbar fi Xwieki *Housing Estate*. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/05/26** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Triq Santa Katerina (fil-bidu) lejn il-kmamar tan-nar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/05/27** Fuq it-talba għal *double yellow line* ħdejn il-*garages* ta' St Joseph Flats fi Triq il-Qiegħed. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/05/28** Fuq it-talba għal *double yellow line* fi Triq il-Kbira (il-biċċa t'isfel). Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**03/05/29** Fuq it-talba għal *double yellow line* fi Triq Emmanuel Perren. Il-Kunsill qabel unanimament.

**03/05/30** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority, kien hemm qbil unanimu li tintbagħat ittra ta' oġġezzjoni fuq il-permess PA/02713/19 [Site at, Triq San Gwann, Gharghur, Construction of basement store, 2 maisonettes and 2 duplex apartments].

**03/05/31** Is-Sur Carl Grech ressaq li nerġgħu nibdew norganizzaw it-Tberik tal-Annimali. Is-Sindku qalet li tixtieq tinvolvi lil xi ħadd li qiegħed fis-settur. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/32** Is-Sur Carl Grech ressaq li fil-ġimgħa tal-festa ma noħorġux permessi u li noħorġu avviż ħalli l-kuntratturi jkunu infurmati. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/33** Is-Sur Christopher Fenech ressaq biex nirranġaw kaxxa safra fi Triq San Ġwann għax ma hemmx 1m fuq kull naħa u l-bqija tiġi kaxxa tal-mutur. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/34** Is-Sur Christopher Fenech ressaq sabiex il-kuntrattur li għamel ħsara fil-bankina fi Vjal ir-Repubblika, jirranġa malajr kemm jista' jkun. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/35** Is-Sur Christopher Fenech qal li x-xogħol ta' kostruzzjoni ħdejn 'The Village' fi Vjal ir-Repubblika sar, għaldaqstant,il- kaxxa safra trid tiġi bajda. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/36** Is-Sur Christopher Fenech qal li l-Kunsill ta' qabel kien applika biex isir *bus stop* fi Triq San Ġwann faċċata ta' Joe's Garage. Dan il-*bus stop* suppost dalwaqt jitpoġġa.

**03/05/37** Is-Sur Christopher Fenech qal li ser jgħid lill-ħaddiem Fredu Cuschieri biex jiġu xkatlati u miżbugħa l-bankijiet ta' Ġnien il-Paċi. Il-bankijiet ta' fejn hemm il-bandli ħa jiġu kuluriti. Barra minn hekk, il-bandli ser jinżebgħu wkoll. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/38** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li teħel tabella *Do not obstruct* fuq *pole* ġo sqaq ħdejn Busietta Gardens. Is-Sur Fenech ressaq li teħel tabella ġdida fuq *pole* ħdejn Francia's Clip & Dye Salon. Is-Sur Abraham Aquilina qal li fl-istess triq trid teħel tabella *No heavy vehicles*. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/39** Is-Sur Christopher Fenech ssuġġerixxa li ħdejn it-*telephone box* f'Misraħ il-Knisja ssir *bicycle rack*. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/40** Is-Sur Christopher Fenech ssuġġerixxa li flok it-*telephone* li hemm ġo *telephone box* inpoġġu AED Automated External Defibrillator u fuq barra ssir tabella AED *Automated External Defibrillator inside*. Kien hemm qbil unanimu. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tagħmel kuntatt ma' GO p.l.c.

**03/05/41** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsiru *bollards* f'toroq prinċipali u fuqhom ikun hemm tabella li turi li triq magħluqa. Dan sabiex inkunu nistgħu nagħlqu toroq prinċipali bħalma jagħmlu lokalitajiet oħra. Is-Sur Abraham Aquilina qal li dawn il-*bollards* jgħinu ħafna speċjalment fil-ġimgħa tal-Festa. Is-Sur Fenech qal li *bollards* ta' Triq San Bartilmew jistgħu jintużaw mill-Pulizija fil-ġranet tal-iskola. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/42** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir sistema ta' ġestjoni tat-traffiku fi Xwieki. Kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta.

**03/05/43** Is-Sindku resqet li jinqata' l-ħaxix ta' Triq in-Naxxar fil-biċċa li qeda *one-way*. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/44** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li Triq San Bartilmew l-biċċa t'isfel tiġi *one-way* jiġifieri l-karozzi jinżlu l-isfel. Kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta.

**03/05/45** Is-Sur Christopher Fenech qal li l-voluntiera minn The 'Grow 10 Trees' Project ħawwlu numru ta' siġar fi Triq Għaxqet l-Għajn u qed jiġu jsaqquhom regolarment, għaldaqstant, issuġġerixxa li jitpoġġew tabelli li fuqhom ikun hemm miktub li dawn is-siġar qed jieħdu ħsiebhom huma.

**03/05/46** Is-Sur Carl Grech qal li ħa jkun hemm laqgħa mal-Onor. Dr Clifton Grima nhar il-Ħamis, 29 ta' Awwissu fid-9:15am ġewwa l-Ministeru għal Edukazzjoni u x-Xogħol rigward il-*ground* ta' Xwieki.

**03/05/47** Is-Sur Carl Grech qal li hemm numru ta' boroż suwed fi Triq Għaxqet l-Għajn in-naħa tal-Ġnien tal-Ponta. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tieħu ħsieb li jinġabru.

**03/05/48** Is-Sindku qalet li l-kennies ilu ma jiknes Triq San Ġwann. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lill-kennies.

**03/05/49** Is-Sur Carl Grech qal li għamel kuntatt biex forsi nġibu ħaddiem mill-Cleansing and Maintenance Division. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/50** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jinqata' l-ħaxix ta' Triq tal-Balal. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil Cleansing and Maintenance Division.

**03/05/51** Is-Sur Abraham Aquilina qal li hemm xi ħsara fit-*traffic lights* ta' Triq tal-Balal. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil ENEMALTA.

**03/05/52** Is-Sindku qalet li l-iskart ta' Sqaq il-Qiegħed mhux qed jinġabar. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lill-kuntrattur.

**03/05/53** Is-Sur Abraham Aquilina qal li hemm xi ħsara fil-*manholes* ta' Sqaq Warda k/m Triq Katerina Sammut. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil Water Services Corporation.

**03/05/54** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li nġibu informazzjoni minn Infrastructure Malta fuq jekk Triq John Ayde hux ħa ssir kollha.

**03/05/55** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li niġbru stimi għal *Boat Party* ta' qabel il-festa li jkun jinkludi l-ikel. Is-Sindku qalet li *Boat Party* bl-*open bar* mingħajr ikel perikoluż. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/56** Is-Sur Abraham Aquilina qal li hemm bżonn imexxu l-linja ta' fejn jistennew il-karozzi għat-*Traffic Lights* ta' Triq il-Ġnien. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/57** Is-Sur Abraham Aquilina qal li għandna niktbu fuq il-*Facebook page* tal-Kunsill, li ix-xogħol fuq il-Victoria Lines mir-Restoration Directorate beda.

**03/05/58** Is-Sur Abraham Aquilina qal li residenti jridu li jkun hawn venda għal karozzi tal-linja. Is-Sindku u Sa. Marilena Hassan qalu li xi residenti qed igergru għax il-karozzi tal-linja mhux iżommu l-ħin. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waħda mill-problemi hi li ħadd ma jrid il-venda wara biebu. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/59** Is-Sa. Marilena Hassan qalet li ħarġet skema għal iżvilupp lokali u tnaqqis ta' faqar fil-komunitajiet. Il-Kunsill ħa jara eżattament fiex tikkonsisti din l-iskema.

**03/05/60** Is-Sindku qalet li s-Sur John Micallef ma jistax ikun fi Sotto Kumitat Qasam Soċjali qabel ma jinħeles mill-akkużi miġjuba kontrih. Is-Sur Christopher Fenech talab li lista tal-membri ta' Sotto Kumitat Qasam Soċjali titla' fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/61** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nġibu fondi mill-Ewropa biex nirranġaw is-*Searchlight Battrey*. Is-Sur Fenech qal li rridu naraw jekk nistawx nagħmlu xi ftehim mal-privat sabiex dan il-post storiku jerġa' jibda jintuża mill-familji u mill-Għaqdiet. Barra minn hekk, ħa jipprova jġib ritratti ta' kif kienet is- *Searchlight Battrey* oriġinarjament. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/62** Is-Sindku qalet li tixtieq li jsir il-proġett tal-ġnien tal-ponta ħalli din iż-żona tiġi attrazzjoni turistika. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/63** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li napplikaw għas-sotto-miżura 4.4 biex jitwettaq restawr jew bini ta' ħitan tas-sejjieħ f'żoni rurali**.**

**03/05/64** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsir kuntatt mal-Ministru għal Edukazzjoni u x-Xogħol biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja. Dan sabiex il-kamra tkun tista' tintuża bħala librerija kif ukoll għal servizzi soċjali oħra, u jiżdied sular ieħor. Kien hemm qbil unanimu.

**03/05/65** Is-Sindku ssuġġerit li jibdew isiru lezzjonijiet tal-Pilates u Aerobics. Kien hemm qbil unanimu.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**03/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**03/06/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**03/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**03/07/01** Il-laqgħa spiċċat fit-8:45p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru 2019 fis-6:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**